

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014”**

[COM(2018) 438 final — 2018/0228 (COD)]

(2018/C 440/33)

Relatur: **Aurel Laurențiu PLOSCEANU**

Korelatur: **Graham WATSON**

Konsultazzjonijiet	Parlament Ewropew, 14.6.2018 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 3.7.2018;
Bażi legali	Artikoli 172, 194 u 304 tat-TFUE
Sezzjoni kompetenti	It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjeta' tal- Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	6.9.2018
Adottata fil-plenarja	19.9.2018
Sessjoni plenarja Nru	537
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	144/0/1

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) għalhekk li jirrakkomanda baġit akbar għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) għal wara l-2020, bl-għotjiet jibqgħu l-komponent ewlieni. Hemm għadd ta' proġetti ta' infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u dik diġitali li huma vitali għall-kompetittività tal-UE iżda li ma jġġenerawx ir-redditu fuq l-investiment meħtieġ sabiex jattiraw lill-investituri privati. Huwa meħtieġ impenn b'saħħtu mill-UE u mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali f'dan ir-rigward.

1.2. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jkomplu jinkoraġġixxu sinerġiji fil-livell tal-proġetti bejn it-tliet setturi, li attwalment huma limitati minħabba r-rigħdita tal-qafas baġitarju f'dak li jirrigwarda l-eliġibilità tal-proġetti u tal-ispejjeż.

1.3. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tkompli tagħti l-appoġġ tekniku (Azzjonijiet ta' Appoġġ tal-Programm CEF) biex tippromovi l-eliġibilità ta' proġetti maturi u ta' kwalità għolja u tappoġġja l-kontinwità fl-għoti ta' dan it-tip ta' assistenza, flimkien ma' aġġornament tal-kriterji ta' evalwazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni tal-valur miżjud tal-proġetti. Għandhom jittieħdu aktar passi biex jiġu ssemplifikati r-rekwiżiti amministrattivi, mhux biss għall-għotjiet żgħar.

1.4. Il-KESE jħeġġeġ lill-koleġislaturi sabiex iżommu l-impenn fir-regolament CEF preċedenti li l-“parti l-kbira” tal-baġit tal-enerġija tintefaqq fuq proġetti tal-elettriku. Dan huwa essenzjali biex jiġi żgurat li s-CEF tkun konformi mal-politika tal-UE dwar it-tibdil fil-klima u l-enerġija u biex jiġi evitat li s-CEF issir sors ewlieni ta' finanzjament għall-proġetti ta' enerġija fossili fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Huwa importanti li dan l-impenn jissaħħaħ u mhux jiddgħajef fis-CEF 2021-2027.

1.5. Il-KESE jqis li l-kriterji ta' għoti għall-proġetti elenkati fl-Artikolu 13 għandhom jitwessgħu sabiex jinkludu s-sigurtà tal-provvista ta' kull tip ta' enerġija (elettriku, gass, sħana, eċċ.) u t-tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi tal-karbonju għandu jiġi pprovdut minn kull proġett.

1.6. Il-KESE jenfasizza li s-CEF trid tiffoka fuq proġetti tal-enerġija li kapaċi jiżguraw indipendenza enerġetika u sigurtà akbar għall-UE. Għandhom jiġu ġġenerati wkoll faċilitajiet ġodda ta' ħżin tal-elettriku bl-appoġġ tas-CEF.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda li l-kapaċità finanzjarja tal-programm CEF taħt il-QFP li jmiss għandha tiżdied. Dwar id-distribuzzjoni ta' għotjiet fost it-tliet setturi, il-KESE jirrakkomanda li jitqiesu l-ħtiġijiet finanzjarji ta' kull settur, bħall-intensità ta' kapital u r-redditu fuq l-investment, u tingħata preferenza lil investimenti li ma jistgħux jiġu ffinanzjati mis-suq, sabiex jinżammu kredibilità u attraenza għoljin għall-investituri.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda, għalhekk, li l-allokazzjoni baġitarja totali tas-CEF għandha tiżdied, minħabba n-natura kritika ta' dawn is-setturi għas-suq intern.

1.9. Il-KESE jenfasizza li kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri għandhom jibqgħu jimpenaw ruħhom għall-għanijiet ewlenin tal-politika tat-trasport tas-CEF: it-tlestija tan-netwerk ewlieni tan-Netzwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) sal-2030 u t-tranżizzjoni lejn mobiltà nadifa, kompetittiva, innovattiva u konnessa, inkluża sinsla tal-UE ta' infrastruttura tal-iċċarġjar għal fjuwils alternattivi sal-2025. Il-konnessjonijiet multimodali u transfruntiera huma estremament importanti f'dan ir-rigward.

1.10. Il-KESE jħeġġeġ lil-leġislaturi jiżguraw kompetizzjoni wiesgħa u ġusta għall-proġetti li jibbenefikaw mill-fondi CEF billi jirrispettaw ir-reċiproċità fil-prattika u billi jużaw kundizzjonijiet ta' kuntrattar li jgħaqqdu l-effiċjenza ma' allokazzjoni ġusta tar-riskji.

1.11. Il-KESE jirrakkomanda li l-koleġislaturi jiżguraw li l-parteċipazzjoni fil-proċeduri korrispondenti għall-għoti ta' kuntratti tkun miftuħa biss għal kumpaniji minn pajjiżi fejn is-swieq korrispondenti tagħhom huma miftuħa, jirrispettaw reċiproċità reali, u li l-forma standard ta' kuntratt użata tkun xierqa għall-għanijiet u ċ-ċirkustanzi tal-proġett. Il-kundizzjonijiet tal-kuntratt għandhom ikunu abbozzati b'mod li jallokaw b'mod ġust ir-riskji assoċjati mal-kuntratt bl-għan primarju li jinkiseb l-orħos prezz u l-aktar prestazzjoni effiċjenti tal-kuntratt. Dan il-prinċipju għandu japplika irrispettivament minn jekk jintużawx il-forom standard nazzjonali jew internazzjonali ta' kuntratt (skont l-Artikolu 3.21 tal-Politiki u r-Regoli dwar l-Akkwist Pubbliku tal-BERŻ datati l-1 ta' Novembru 2017).

1.12. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta li fis-CEF 2021-2027 tiġi inkluża l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Il-KESE jissuġġerixxi li l-viżjoni globali tal-azzjonijiet dwar l-enerġija rinnovabbli fis-CEF għandha tkun li jinħoloq netwerk tal-elettriku rinnovabbli madwar l-Ewropa kollha li jippermetti integrazzjoni aktar effettiva ta' teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli u li jiġi rifless aħjar il-potenzjal disponibbli ta' teknoloġiji madwar il-kontinent.

1.13. Il-KESE jilqa' l-inklużjoni ta' installazzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli fost il-proġetti eliġibbli fil-porzjon tal-enerġija tas-CEF u jirrakkomanda li din għandha tkun emendata sabiex tinkludi kemm proġetti fuq skala kbira kif ukoll portafolji ta' proġetti fuq skala żgħira biex it-teknoloġiji kollha jkunu jistgħu jikkompetu b'mod ġust għall-fondi.

1.14. Il-KESE jirrakkomanda li l-għanijiet tas-CEF elenkati fl-Artikolu 3 għandhom jitwessgħu sabiex jinkludu mhux biss l-iffaċilitar ta' kooperazzjoni transfruntiera fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli, iżda wkoll isemmu espliċitament l-użu tal-enerġija rinnovabbli.

1.15. Il-KESE jinnota li x-xiri tal-art huwa eskluż mill-ispejjeż eliġibbli fl-Artikolu 15(c) u jħeġġeġ lill-koleġislaturi sabiex jikkunsidraw jekk dan huwiex ta' vantaġġ jew żvantaġġ għal ċerti proġetti u teknoloġiji. Għal setturi bħat-trasport u l-enerġija rinnovabbli, ix-xiri tal-art mhuwiex parti negliġibbli tal-investment.

1.16. Il-KESE jfakkar lill-Kummissjoni li l-interkonnnetturi tal-enerġija transfruntiera huma fatturi ewlenin fl-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, mhux biss għax jippermettu t-trażmissjoni fuq distanza twila ta' elettriku rinnovabbli, u b'hekk irawmu l-użu ta' sorsi tal-elettriku aktar indaf u orħos, iżda wkoll għaliex jaġixxu bħala sors ta' flessibilità ta' sistemi essenzjali.

1.17. Il-KESE jirrakkomanda li l-opportunitajiet li jinħolqu mid-diġitalizzazzjoni ta' grilji u ta' networks tal-enerġija u l-ħolqien ta' grilji intelliġenti li jintegraw l-enerġija rinnovabbli għandhom jinħatfu kompletament u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tistudja kif jistgħu jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn is-setturi Diġitali u tal-Enerġija tas-CEF fuq dan il-punt. Il-KESE jinnota n-nuqqas ta' proġetti ta' grilji intelliġenti fis-CEF 2014-2020, parzjalment minħabba ostakli fil-finanzjament ta' proġetti ta' grilja ta' distribuzzjoni ta' livell aktar baxx, meta mqabbla ma' proġetti ta' grilji ta' trażmissjoni ta' vultaġġ għoli.

1.18. Il-KESE jirrakkomanda li s-CEF għandha tiżgura wkoll li jkunu stabbiliti mekkaniżmi li jiċċertifikaw fejn jintuża elettriku rinnovabbli fl-applikazzjonijiet tat-trasport, pereżempju bl-użu ta' ċertifikati ta' Garanziji tal-Oriġini rinnovabbli.

1.19. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità lil proġetti fuq skala kbira madwar l-UE kollha ta' diġitalizzazzjoni tat-trasport bħall-ERTMS (is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju), is-SESAR (ir-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew) u s-sewqan awtonomu. Sabiex in-Netwerk Ewlieni jiġi attrezzat bl-ERTMS jeħtieġ li jiġu investiti EUR 15-il biljun sal-2030. Proġett fuq skala kbira mifrux mal-UE kollha għandu jiġi ffinanzjat minn għotjiet mir-raggruppamenti differenti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, fondi privati u komponenti amalgamati mill-InvestEU.

1.20. Il-KESE jappella għall-kopertura 5G tan-netwerk TEN-T li hi fundamentali.

1.21. Il-KESE jappella għal miżuri bħal kontrolli effettivi, akkomodazzjoni għal billejl moderna, u postijiet ta' parkeġġ suffiċjenti b'taġħmir adegwat.

1.22. Il-KESE jemmen ukoll li għandha tingħata kunsiderazzjoni għal metodi aħjar ta' komunikazzjoni tal-kisbiet tas-CEF. Baġit għall-Komunikazzjoni jista' jkun għodda utli f'dan ir-rigward. Prevedibilità msaħħa għandha tiġi kkunsidrata wkoll.

1.23. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu kkunsidrati azzjonijiet addizzjonali biex jintuża l-potenzjal sħiħ tal-programm billi jitqies li l-intervent tas-CEF kien determinanti fit-tneġġja tal-parti l-kbira tal-proġetti u wera li huwa katalist ewlieni kemm għall-investiment pubbliku kif ukoll dak privat. Għandha tissaħħa il-konnessjoni komplementari mtejba bejn is-CEF u programmi oħrajn (bħal Orizzont Ewropa, InvestEU u l-Fond ta' Koeżjoni) sabiex jiġu evitati l-koinċidenzi u jsir użu ottimizzat tar-riżorsi baġitarji.

1.24. Il-KESE jemmen li l-pakkett ta' koeżjoni huwa essenzjali għat-tlestija tal-partijiet tan-netwerk ċentrali fl-Istati Membri tal-koeżjoni u jirrakkomanda lill-KE u lill-Istati Membri jżommu s-sehem tal-Fond ta' Koeżjoni taħt il-ġestjoni diretta tas-CEF fil-QFP li jmiss. Il-prijoritajiet tat-Trasport tas-CEF jeħtieġ li jkunu appoġġjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Fi kwalunkwe każ, il-fondi għandhom jibqgħu fi ħdan l-Istat Membru eliġibbli.

1.25. Il-KESE jissuġġerixxi li l-metodoloġija tal-evalwazzjoni għandha tiġi aġġustata, peress li s-suċċess tas-CEF mhux iġġarantit biss mill-ammont ta' flus allokati u n-numru ta' proġetti appoġġjati.

Il-KESE jipproponi titjib fil-metodoloġija tal-evalwazzjoni tas-CEF. Għandha ssir valutazzjoni kwantitattiva/kwalitattiva reali fl-aħħar tal-perjodu 2014-2020 għall-proġetti mlestija u daww flivell avvanzat ta' kostruzzjoni. Il-KESE jappella għal rieżami, inter alia, tal-progress tal-iżvilupp tat-TEN-T, kif ukoll il-bidliet fil-flussi tat-traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija. Il-KESE jappella wkoll għal analiżi soċjoekonomika tal-benefiċċji kontra l-ispejjeż tal-proġetti tat-TEN-T li tqis il-benefiċċji u l-ispejjeż soċjali, ekonomiċi, relatati mal-klima u ambjentali rilevanti.

1.26. Il-KESE jappella għall-konklużjoni ta' miżuri speċifiċi dwar objettivi ġenerali għall-ħarsien tal-klima.

1.27. Il-KESE jappella biex il-metropoli jiġu kkunsidrati fil-proġetti ewlenin tal-infrastruttura, jekk jirċievu u anke jekk ma jirċievux finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni.

1.28. Il-KESE jirrakkomanda miżuri konkreti biex tiġi żgurata l-attrazzjoni tal-modifiki, tar-repowering jew tal-aġġornament tal-infrastruttura eżistenti li tibqa' s-sintra tan-netwerk u tal-kapaċità installata.

1.29. Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp tal-infrastruttura b'użu doppju għal skopijiet ċivili jew ta' difiża kemm fuq infrastrutturi fiżiċi u teknoloġiċi (bħalma huma s-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku (ERTMS) u r-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) taħt il-qafas tas-CEF u jirrakkomanda approċċ miftuħ u proattiv fil-kontest internazzjonali ġeopolitiku l-ġdid (l-Inizjattiva tat-Tliet Ibħra, eċċ.).

1.30. Il-KESE jirrakkomanda li s-CEF tipprijoritizza l-investimenti fuq l-infrastrutturi transkonfinali tat-TEN-T sabiex tintlaħaq kapaċità koerenti u jiġu evitati l-ostakli fil-mezzi kollha tat-trasport sabiex jinkiseb netwerk tat-trasport integrat kompletament.

## 2. Preżentazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni

2.1. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-bażi legali għas-CEF għall-perjodu ta' wara l-2020 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru.

2.2. Il-proposta tal-Kummissjoni<sup>(1)</sup> tat-2 ta' Mejju 2018 għall-QFP ta' wara l-2020 tinkludi ammont ta' EUR 42 265 miljun għas-CEF, elenkati hawn taħt:

CEF 2021-2027	Ċifri fi prezzijiet kurrenti – EUR
Trasport	30 615 493 000
Inklużi:	
— Pakkett ġenerali	12 830 000 000
— Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni	11 285 493 000
— Appoġġ għall-mobilità militari	6 500 000 000
Enerġija	8 650 000 000
Diġitali	3 000 000 000
<b>TOTAL</b>	<b>42 265 493 000</b>

2.3. Il-viżjoni għall-Ewropa hija li timxi lejn mobilità b'żero fatalitajiet, żero emissjonijiet u żero użu ta' karti, sabiex issir mexxejja dinjija fl-enerġija rinnovabbli u tkun minn ta' quddiem fl-ekonomija diġitali.

2.4. Is-CEF tappoġġja l-investiment f'infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u diġitali, permezz tal-iżvilupp tan-netwerks trans-Ewropej (TEN) u tippromovi wkoll il-kooperazzjoni transfruntiera fuq il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Dawk in-netwerks u l-kooperazzjoni transfruntiera huma kruċjali għall-funzjonament tas-Suq Uniku u huma strateġiċi wkoll biex jiġu implimentati l-Unjoni tal-Enerġija, is-Suq Uniku Diġitali u l-iżvilupp ta' mezzi ta' trasport sostenibbli.

2.5. Il-QFP 2021-2027 jistabbilixxi mira aktar ambizzjuża għall-integrazzjoni tal-klima fil-programmi kollha tal-UE b'mira ta' 25 % tan-nefqa tal-UE li tikkontribwixxi għall-għanijiet klimatiċi. Is-CEF mistennija tagħti kontribut ewlieni bil-mira li 60 % tal-pakkett tagħha jikkontribwixxi lejn l-għanijiet klimatiċi.

2.6. Il-ħtiġijiet futuri għad-dekarbonizzazzjoni u għad-diġitalizzazzjoni se jimplikaw konverġenza dejjem ikbar tas-setturi tat-trasport, tal-enerġija u diġitali. Għaldaqstant, għandhom jiġu sfruttati kemm jista' jkun is-sinerġiji bejn it-tliet setturi kollha, b'mod li jimmassimizzaw l-effettività u l-effiċjenza tal-appoġġ tal-UE. Sabiex jingħataw inċentiv u prijorità lill-proposti transsettorjali, in-natura sinerġetika ta' azzjoni proposta se tiġi vvalutata skont il-kriterji tal-għażla.

2.7. Is-CEF għandha l-għan li t-trasport jikkontribwixxi għat-tlestija taż-żewġ strati ta' TEN-T (in-netwerk ewlieni sal-2030 u s-saff l-aktar estensiv tiegħu sal-2050). Huwa stmat li t-tlestija tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T sal-2030 tiġġenera 7,5 miljun sena tax-xogħol bejn l-2017 u l-2030, b'żieda addizzjonali fil-PDG ta' 1,6 % fl-2030.

<sup>(1)</sup> COM(2018) 321 final.

2.8. Għall-ewwel darba s-CEF se timplimenta l-finanzjament tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-proġetti tat-trasport b'użu doppju ċivili-militari.

2.9. Fil-każ tal-enerġija, l-enfasi hija fuq it-tlestija tan-netwerks trans-Ewropej tal-enerġija permezz tal-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabbiltà tan-netwerks bejn il-fruntieri u s-setturi; l-iżvilupp sostenibbli billi tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni b'mod partikolari permezz tal-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fost l-oħrajn permezz ta' infrastruttura aktar intelliġenti u diġitalizzata.

2.10. Fil-każ tas-settur diġitali, is-CEF timmassimizza l-benefiċċji li ċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha jistgħu jiksbu mis-Suq Uniku Diġitali.

2.11. L-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u diġitali se tiġi appoġġata sa livelli varji minn għadd ta' programmi u strumenti ta' finanzjament tal-UE, fosthom is-CEF, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni, Orizzont Ewropa, InvestUE u LIFE.

2.12. L-azzjonijiet tal-Programm jeħtieġ li jintużaw biex jindirizzaw nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment li mhumiex ottimali, b'mod proporzjonat, mingħajr ma jiġi rduppjat jew soppresst il-finanzjament privat, u b'valur miżjud Ewropew ċar.

2.13. Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet ex-post ġew adottati mill-KE fit-13 ta' Frar 2018 <sup>(2)</sup> skont ħames kriterji: l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE. Dawn li ġejjin huma xi siltiet:

- Is-CEF huwa strument effettiv u mmirat għall-investiment fis-setturi tat-TEN, tat-trasport, tal-enerġija u diġitali. Mill-2014 'l hawn ġew investiti EUR 25 biljun, li rriżultaw f'madwar EUR 50 biljun ta' investiment fl-infrastruttura fl-UE;
- Is-CEF iġġib valur miżjud Ewropew għoli għall-Istati Membri billi tappoġġja proġetti ta' konnettività b'dimensjoni transfruntiera;
- Għall-ewwel darba, sehem tal-baġit ta' koeżjoni (EUR 11,3 biljun għat-trasport) ġie utilizzat taħt ġestjoni diretta fil-qafas tal-FNE.
- Is-CEF komplet tuża u tiżviluppa strumenti finanzjarji innovattivi. Madankollu, l-implimentazzjoni tagħhom kienet limitata minħabba l-possibiltajiet ġodda offruti mill-FEIS.
- Is-CEF ittestjat ukoll sinerġiji transsettorjali, iżda kienet limitata b'restrizzjonijiet fil-qafas ġuridiku/baġitarju attwali. Il-linji gwida tal-politika settorjali u l-istrument tas-CEF iridu jkunu aktar flessibbli biex jiffaċilitaw is-sinerġiji u jirrispondu aħjar għal żviluppi u prijoritajiet teknoloġiċi ġodda bħad-diġitalizzazzjoni, filwaqt li jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni u jindirizzaw l-isfidi komuni tas-soċjetà bħas-sigurtà ċibernetika.

2.14. Il-Kummissjoni tipproponi li tkompli l-implimentazzjoni tal-programm il-ġdid, għat-tliet setturi tas-CEF, b'ġestjoni diretta mill-KE u mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA) tagħha.

2.15. Il-baġit propost se jkopri n-nefqa operattiva kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Programm, kif ukoll l-ispiża tar-riżorsi umani u nfiq amministrattiv ieħor b'konnessjoni mal-ġestjoni tal-Programm.

2.16. Se jiġi stabbilit qafas ta' prestazzjoni aktar sempliċi iżda aktar robust meta mqabbel mas-CEF 2014-2020, biex jiġu mmonitorjati l-kisba tal-miri u l-kontribut tiegħu għall-għanijiet ta' politika tal-UE. L-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tal-progress se jkunu relatati b'mod partikolari ma':

- Netwerks u infrastruttura effiċjenti u interkonnessi għal mobilità intelliġenti, sostenibbli, inklużiva, sikura u sigura, kif ukoll l-adattament għar-reqwiziti tal-mobilità militari;

<sup>(2)</sup> COM(2018) 66 final.

- Kontribuzzjoni għall-interkonnnettività u l-integrazzjoni tas-swieq, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-iżvilupp sostenibbli permezz tal-iffaċilitar tad-dekarbonizzazzjoni; kontribuzzjoni għal kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli;
- Kontribuzzjoni għall-użu ta' infrastruttura ta' konnettività diġitali madwar l-UE.

### 3. Kummenti ġenerali u speċifiċi

3.1. Il-KESE jenfasizza l-importanza strateġika tal-programm CEF mill-perspettivi tal-integrazzjoni tas-suq intern, tal-mobilità intelliġenti u tal-opportunità li jiġi pprovdut valur miżjud tanġibbli għaċ-ċittadini, koeżjoni soċjali u negozju permezz ta' dan il-programm, u prosperità u valur miżjud għall-UE kollha kemm hi.

Sa tmien l-2017, it-Trasport tas-CEF kien diġà alloka EUR 21,3 biljun f'għotjiet għal proġetti tat-TEN-T, u b'hekk iġġenera EUR 41,6 biljun ta' investimenti totali.

3.2. Tul l-2018 se jiġu ffirmati ftehimiet ta' għotja addizzjonali għal sejħa għal finanzjament imħallat li tikkombina għotjiet mis-CEF ma' finanzjamenti privati, inkluż mill-FEIS (Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi). Huwa smat li kull EUR 1 biljun investit fin-netwerk ewlieni tat-TEN-T se joħloq sa 20 000 impjeg.

3.3. Il-KESE jilqa' b'mod ġenerali l-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 għall-perjodu 2021-2027.

3.4. Il-KESE jirrikonoxxi li l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa hija wieħed mill-aktar programmi tal-UE li rnexxew u jenfasizza l-importanza strateġika tas-CEF fir-rigward tal-integrazzjoni tas-suq intern, l-ikkompletar tal-Unjoni tal-Enerġija, il-mobilità intelliġenti u l-opportunità tal-UE li tipprovi valur miżjud tanġibbli għaċ-ċittadini, il-koeżjoni soċjali u n-negozji.

3.5. Il-KESE jemmen li l-kapaċità finanzjarja tal-programm CEF taħt il-QFP li jmiss għandha tiżdied u tiġi bbilanċjata aktar sabiex tinżamm il-kredibilità u l-attraenza għoljin tiegħu għall-investituri. Baġit insuffiċjenti jqiegħed it-tlestija tan-netwerks TEN-T u TEN-E friskju u fil-fatt dan jiddeprezza l-investimenti diġà magħmula minn fondi pubbliċi.

3.6. Il-KESE jenfasizza li l-investment fi proġetti tal-infrastruttura diġitali, innovattivi u sostenibbli tat-trasport għandu jiġi aċċellerat sabiex nimxu lejn sistema tat-trasport aktar ekoloġika, tassew integrata, moderna, aċċessibbli għal kulħadd, sikura u effiċjenti. Il-koeżjoni soċjali fil-livell tal-UE għandha tkun imtejba billi jiżdedu l-investimenti pubbliċi fi proġetti ta' valur miżjud tal-UE u regionali.

3.7. Il-KESE jqis li s-sinerġiji fil-livell tal-proġetti bejn it-tliet setturi attwalment huma limitati minħabba r-riġidità tal-qafas baġitarju f'dak li jirrigwarda l-eliġibilità tal-proġetti u tal-ispejjeż.

3.8. Il-KESE jilqa' l-appoġġ tekniku pprovdut biex tiġi promossa l-eliġibilità ta' proġetti maturi u ta' kwalità għolja u jappoġġja l-kontinwità tal-għoti ta' dan it-tip ta' assistenza, flimkien ma' aġġornament tal-kriterji ta' evalwazzjoni biex jiġi identifikat aktar faċilment il-valur miżjud tal-proġetti. Għandhom jiġu ġġenerati aktar passi li jissemplifikaw ir-rekwiżiti amministrattivi, mhux biss għall-għotjiet zġhar.

3.9. Il-KESE jenfasizza li kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri jridu jibqgħu jimpenjaw ruħhom għall-għanijiet ewlenin tal-politika tat-trasport tas-CEF: it-tlestija tan-netwerk ewlieni TEN-T sal-2030 u t-tranżizzjoni lejn mobilità nadifa, kompetittiva, innovattiva u konnessa, inkluża sinsla tal-UE ta' infrastruttura għall-iċċarġjar għal fjuwils alternattivi sal-2025. Il-konnessjonijiet multimodali u transfruntiera huma importanti ħafna f'dan ir-rigward.

3.10. Is-CEF trid tiffoka fuq proġetti tal-enerġija li kapaċi jiżguraw indipendenza enerġetika u sigurtà akbar għall-UE. Għandhom jiġu ġġenerati wkoll faċilitajiet ta' ħżin tal-elettriku bl-appoġġ tas-CEF.

3.11. Il-KESE jikkunsidra li l-interkonnnetturi tal-enerġija transfruntiera huma fatturi ewlenin fl-integrazzjoni tal-enerġiji rinnovabbli, mhux biss għax jippermettu t-trażmissjoni fuq distanza twila tal-elettriku rinnovabbli iżda wkoll għaliex jaġixxu bħala sors ta' flessibilità ta' sistemi essenzjali.

3.12. Ir-rwol tal-koordinaturi Ewropej għandu jittejjeb sabiex tiġi ġġenerata evalwazzjoni dettaljata tal-proġetti kompluti jew flivell avanzat ta' kostruzzjoni, tal-kisbiet reali u tal-ostakli li fadal. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-prijorità tas-sejħiet tirrifletti l-evalwazzjoni tagħhom.

3.13. Il-KESE jemmen li s-settur tat-trasport għandu jieħu l-vantaġġ sħiħ offrut mit-teknoloġiji diġitali u innovattivi, u jirrikonoxxi li infrastrutturi tat-trasport ġodda u innovattivi huma aktar attraenti għall-investiment, speċjalment mis-settur privat.

3.14. Il-KESE jemmen li l-investiment fit-trasport, u b'mod partikolari fin-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), huwa kruċjali għat-tkabbir u l-impjiegi tal-Ewropa. Huwa għalhekk li jirrakkomanda baġit akbar għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għal wara l-2020, bl-għotjiet jibqgħu l-komponent ewlieni. Tabilħaqq, hemm għadd ta' proġetti ta' infrastruttura tat-trasport li huma vitali għall-kompetittività tal-UE iżda li ma jiġġenerawx ir-redditu fuq l-investiment meħtieġ sabiex jattiraw lill-investituri privati. Għaldaqstant dawn jirrikjedu impenn b'saħħtu mill-UE u mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali f'dan ir-rigward.

3.15. Il-KE għandha żżomm l-integrità tal-kapaċità finanzjarja tas-CEF u mhux tnaqqas aktar favur programmi oħrajn (FEIS, EDIDP – Programm Ewropew għall-Iżvilupp Industrijali fil-Qasam tad-Difiża).

3.16. Il-KESE jenfasizza l-hteġa li tingħata priyorità lil proġetti fuq skala kbira madwar l-UE kollha ta' diġitalizzazzjoni tat-trasport bħall-ERTMS, is-SESAR u s-sewqan awtonomu. Biex jitwettqu dawn il-proġetti, hija meħtieġa taħlita ta' riżorsi: fondi pubbliċi mis-CEF u fondi privati ggarantiti minn InvestEU. Il-kopertura 5G tan-netwerk TEN-T ukoll tkun fundamentali. 8 % biss tal-51 000 km tal-kuritur tan-netwerk ewlieni kienu mgħammra bl-ERTMS (Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju) bejn l-1995 u l-2016; b'dan ir-ritmu se jkun jeħtieġ 'il fuq minn 200 sena biex in-Netwerk Ewlieni kollu jiġi mgħammar. It-tlestija sal-2030 tkun teħtieġ investiment ta' EUR 15-il biljun u aċċellerazzjoni kbira tal-programm u mbagħad ikun jipprovdni traffiku ferrovjarju bla xkiel fl-Ewropa b'żieda fil-kapaċità, is-sikurezza u l-puntwalità.

3.17. Il-mobilità elettrika hija parti essenzjali tat-tranżizzjoni lejn trasport sostenibbli u tipprovdni wkoll il-potenzjal għal skambji mill-vettura għall-grilja fejn il-kapaċità tal-ħżin tal-batterija ta' vetturi elettriċi tintuża bħala sors ta' flessibilità għall-grilja. L-interoperabbiltà fl-interfaċċi mill-vetturi għall-grilja għandha tkun priyorità ewlenija madwar l-UE. Is-CEF għandha tiżgura wkoll li jkunu stabbiliti mekkaniżmi li jiċċertifikaw fejn jintuża elettriku rinnovabbli fl-applikazzjonijiet tat-trasport, pereżempju bl-użu ta' ċertifikati ta' Garanziji tal-Orġini rinnovabbli.

3.18. Is-sinerġiji huma essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tas-CEF. Eżempji ta' sinerġiji bħal dawn jinkludu punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi li jaħdmu bl-elettriku rinnovabbli, "portijiet tal-karozzi" fotovoltajċi solari u l-iżvilupp ta' teknoloġija tal-interfaċċa mill-vettura għall-grilja.

3.19. L-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq ukoll għandha tiġi kkunsidrata. Ikunu meħtieġa EUR 10 biljun biex jiġu elettrifikati madwar 7 000 km ta' awtostradi għat-trakkijiet u l-karozzi tal-linja fil-perjodu ta' referenza.

3.20. L-iżvilupp u r-riabilitazzjoni tal-infrastrutturi tat-trasport fl-UE għadhom pjuttost frammentati u jirrappreżentaw sfida kbira f'termini ta' kapaċità u finanzjament. Huma ta' importanza strateġika biex jiġi żgurat kemm it-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi u l-kompetittività, kif ukoll il-koeżjoni soċjali/territorjali fl-UE.

3.21. Fl-infrastruttura tat-trasport hemm 11,2 miljun impjegati. B'mod ġenerali l-ħtiġijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol iridu jitqiesu wkoll fil-qafas tas-CEF. Il-KESE jappella għal miżuri bħal kontrolli effettivi, akkomodazzjoni għal billej modern, u postijiet ta' parkeġġ suffiċjenti b'taġhmir adegwat.

- 3.22. Il-KESE josserva li, kif inhi attwalment, il-proposta tal-Kummissjoni tirrappreżenta tnaqqis tal-impenn preċedenti biex il-“parti l-kbira” tas-settur tal-enerġija tintnefaq fuq proġetti tal-elettriku. Il-KESE jilqa’ l-aspettattiva tal-Kummissjoni li dan se jkun onorat fis-CEF attwali sa tmiem il-perjodu ta’ programmazzjoni. L-issodisfar ta’ dan l-impenn huwa essenzjali biex jiġi żgurat li s-CEF tkun konformi mal-politika tal-UE dwar it-tibdil fil-klima u l-enerġija.
- 3.23. Rigward l-inklużjoni ta’ installazzjonijiet ta’ enerġiji rinnovabbli fost il-proġetti eliġibbli fil-porzjon tal-enerġija tas-CEF, din għandha tkun emendata sabiex tinkludi kemm proġetti fuq skala kbira kif ukoll portafolji ta’ proġetti fuq skala żgħira. Din hija parti essenzjali mill-użu mtejjeb tal-fondi tal-UE għall-enerġiji rinnovabbli kif deskritt fir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.
- 3.24. Nirrikonoxxu li fi prezzijiet kostanti, l-allokkazzjoni tal-2021-2027 għas-CEF u l-kontribuzzjoni mill-Fond ta’ Koeżjoni jirrappreżentaw tnaqqis ta’ 12-13 %. Dan l-aspett għandu jiġi rivedut. Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġu indirizzati l-prijoritajiet tat-trasport tas-CEF. Is-sehem tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali li ma jkunx impenjat mill-Istati Membri benefiċjarji fl-ewwel tliet snin għandu jiġi allokati fl-istess pajjiż skont dawn il-prijoritajiet.
- 3.25. Il-valutazzjoni ta’ nofs it-terminu tas-CEF ffukat l-aktar fuq l-aspetti kwantitattivi, minkejja n-natura tanġibbli ħafna ta’ bosta proġetti.
- 3.26. Fi tmiem il-perjodu 2014-2020 għandha ssir valutazzjoni kwantitattiva/kwalitattiva reali tal-proġetti mlestija u dawk flivell avanzat ta’ kostruzzjoni.
- 3.27. Mhijiex inkluda fl-abbozz evalwazzjoni tal-effettività tal-proġetti, kif ikkritikat il-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rapport tagħha tal-2018. Il-KESE jappella għalhekk għal rieżami, inter alia, tal-progress tal-iżvilupp tat-TEN-T, kif ukoll il-bidliet fil-flussi tal-traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija. Barra minn hekk, il-KESE jappella għal analiżi soċjoekonomika tal-benefiċċji kontra l-ispejjeż tal-proġetti tat-TEN-T li tqis il-benefiċċji u l-ispejjeż soċjali, ekonomiċi, relatati mal-klima u ambjentali rilevanti.
- 3.28. Il-KESE jissuġġerixxi li s-suċċess tas-CEF mhuwiex iggarantit biss mill-ammont ta’ flus allokati u n-numru ta’ proġetti appoġġjati. Il-metodoloġija tal-evalwazzjoni għandha tiġi aġġustata.
- 3.29. Il-KESE jemmen ukoll li għandha tingħata kunsiderazzjoni għal metodi aħjar ta’ komunikazzjoni tal-kisbiet tas-CEF. Prevedibilità msaħħa hija meħtieġa wkoll.
- 3.30. Il-metropoli tal-Ewropa huma dawk ir-reġjuni fi ħdan l-UE fejn hemm l-ikbar ammont ta’ traffiku; kważi t-trasport kollu joriġina fi, jew għandu bħala destinazzjoni, metropoli. Il-KESE jappella biex l-agglomerazzjonijiet jiġu kkunsidrati fil-proġetti ewlenin tal-infrastruttura, jekk jirċievu u anke jekk ma jirċivux finanzjament mill-Fond ta’ Koeżjoni.
- 3.31. Il-KESE jilqa’ l-fatt li s-CEF se tappoġġja għall-ewwel darba infrastruttura tat-trasport b’użu doppju ċivili-militari b’EUR 6,5 biljun, sabiex tittejjeb il-mobilità militari fl-UE, skont il-Komunikazzjoni Konġunta ta’ Novembru 2017 <sup>(3)</sup> u l-Pjan ta’ Azzjoni ta’ Marzu 2018 <sup>(4)</sup>.
- 3.32. Il-KESE jilqa’ l-għanijiet stabbiliti fid-dokument “Pjan ta’ Azzjoni dwar il-mobilità militari” u jappoġġja Unjoni tad-Difiża kemm f’termini ta’ titjib tal-infrastruttura kif ukoll ta’ faċilitazzjoni ta’ sinerġiji. L-infrastruttura b’użu doppju għal skopijiet ċivili jew ta’ difiża għandha tkun żviluppata tul in-netwerk TEN-T u anki fir-reġjuni l-aktar esposti għal riskju militari.

Brussell, id-19 ta’ Settembru 2018.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Luca JAHIER

<sup>(3)</sup> Brussell, 10.11.2017 JOIN(2017) 41 final KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Intejbu l-Mobilità Militari fl-Unjoni Ewropea [traduzzjoni mhux uffiċjali].

<sup>(4)</sup> Brussell, 28.3.2018 JOIN(2018) 5 final KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar il-Pjan ta’ Azzjoni dwar il-Mobilità Militari [traduzzjoni mhux uffiċjali].